# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Ġunju 2024

NR 123/2024 Data tal-Ħruġ: 9 ta’ Lulju 2024 Data tal-Għeluq: 02 ta’ Lulju 2024

*F’Ġunju 2024, il-kuntratti ta’ bejgħ u l-konvenji ta’ proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 966 u 1,080, rispettivament.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta’ bejgħ ta’ proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta’ Bejgħ**

F’Ġunju 2024, l-għadd ta’ kuntratti ta’ bejgħ ta’ proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 966, li juri tnaqqis ta’ 2.9 fil-mija meta mqabbel ma’ dawk irreġistrati f’Ġunju 2023 (Tabella nru 1a, Ċart nru 1). B’kollox, il-valur ta’ dawn il-kuntratti laħaq il-€243.9 miljun, tnaqqis ta’ 4.9 fil-mija meta mqabbel mal-valur irreġistrat f’Ġunju 2023 (Tabella nru 2a).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta’ bejgħ u konvenji rreġistrati

Ta’ kull xahar




Fix-xahar ta’ riferenza, 876 (jew 90.7 fil-mija) tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn individwi, filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmulin minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu individwi kien jammonta għal €201.7 miljun, li huwa ekwivalenti għal 82.7 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta’ bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F’Ġunju 2024, l-akbar ammonti ta’ kuntratti ta’ bejgħ kienu rreġistrati fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b’total ta’ 274 u 212-il kuntratt, rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-inqas numri ta’ kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett ta’ Għawdex u Kemmuna, b’96 u b’114-il kuntratt, rispettivament (Tabella nru 3).

L-akbar ammonti ta’ kuntratti ta’ bejgħ kienu rreġistrati f’dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (73), Il-Mosta (57) u Il-Mellieħa (38). (Tabella nru 4, Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu 17.4 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f’Ġunju 2024.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f’Ġunju 2024

Kuntratti ta’ bejgħ




*Proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta’ bejgħ*

Fix-xahar ta’ riferenza, l-għadd ta’ proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta’ bejgħ kien jilħaq l-1,054 (Tabella nru 5). L-Appartamenti (419) u l-Garaxxijiet (243) irreġistraw l-akbar sehem mit-total, b’39.8 fil-mija u bi 23.1 fil-mija, rispettivament.

*K2/2024*

Fit-tieni kwart tal-2024, kienu rreġistrati 3,185 kuntratt ta’ bejgħ, li jiġu ekwivalenti għal żieda ta’ 5.9 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1a). Il-valur ta’ dawn il-kuntratti kiber bi 8.9 fil-mija sabiex ammonta għal €854.5 miljun (Table nru 2a). L-akbar numri ta’ kuntratti ta’ bejgħ kienu rreġistrati f’San Pawl Il-Baħar (244), Il-Mosta (148) u Birkirkara (135) (Tabella nru 4).

**Konvenji**

F’Ġunju 2024, kienu rreġistrati 1,080 konvenju ta’ proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi fi tnaqqis ta’ 5.0 fil-mija fuq is-sena ta’ qabel (Tabella nru 6a, Ċart nru 1). L-individwi li kienu involuti f’dawn il-konvenji kienu jgħoddu 987 (jew 91.4 fil-mija), filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 6b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta’ konvenji ta’ proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 336 konvenju; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b’217-il konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta’ konvenji dehru fid-Distrett ta’ Għawdex u Kemmuna, u fid-Distrett tal-Punent, b’104 u b’107 konvenji, rispettivament (Tabella nru 7).

L-akbar għadd ta’ konvenji kien irreġistrat f’dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (104), Birkirkara (66) u Tas-Sliema (59) (Tabella nru 8, Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu 21.2 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f’Ġunju 2024.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f’Ġunju 2024

Konvenji




*K2/2024*

Fit-tieni kwart tal-2024, l-għadd ta’ konvenji laħaq it-3,493 konvenju, li jirrappreżenta tnaqqis marġinali meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena li għaddiet (Tabella nru 6a). L-akbar ammonti ta’ konvenji kienu rreġistrati f’San Pawl Il-Baħar (310), Birkirkara (206) u Il-Mosta (177) (Tabella nru 8).